# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1051/2024 GG**

**fl-ismijiet:**

**Sabrina Borda (0560855M)**

**vs.**

**(1) Paul Borda (069168M) guvni, bin il-mejjet Francis Saviour Vincent sive Frank Borda u Gladys Debono nee' Micallef, imwieled Tas-Sliema fis-7 ta' Novembru 1967 u residenti n-Naxxar, f'ismu proprju bhala eredi ta' Francis Saviour Vincent sive Frank Borda kif ukol fil-vesti tieghu ta' direttur tas-socjeta' Frank Borda Estates Limited C42766);**

**(2) Michaela Borda (175565M), legalment separata minn Stephen Bonnici, bint l-imsemmija Frank Borda u Gladys Debono, imwielda Tas-Sliema fil-25 ta' Marzu 1965 u residenti Hal Gharghur;**

**(3) Mark Anthony Borda (0690256M), guvni, bin l-imsemmija Frank Borda u Gladys Debono, imwieled Tas-Sliema fit-22 ta' Awwissu 1956 u residenti l-Qrendi, ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Bettina Kirk (0263762M) nee' Borda, mizzewga lill- Jeremy Kirk, bint l-imsemmija Frank Borda u Gladys Debono, imwielda Floriana fis-6 ta' Frar, 1962 u residenti Sydney, l-Awstralja;**

**(4) L-istess Mark Anthony Borda (069025M) ghan-nom u in rappresentanza tal-**

**assenti Jan Lochtenberg (Passaport Awstraljan numru PB4994226), mizzewweg lill-Katariina Lindstroen, bin Mark Lochtenberg u il-mejta Fiona Lochtenberg nee' Borda, imwieled Melbourne, l-Awstralja fl-1 ta' Ottubru, 1992 u residenti Sydney, l-Awstralja;**

**(5) George Tabone (0793152M), guvni, bin il-mejtin Victor Tabone u Margaret Tabone nee' Galea imwieled Tas-Sliema fl-4 ta' Novembru, 1952 u residenti in-Naxxar/Madliena, ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Jessica Lochtenberg (passaport Malti numru MT046445), xebba, bint l-imsemmija Mark Lochtenberg u Fiona Lochtenberg, imwielda sydney, l-Awstralja fl-24 ta' Novembru, 1993 u residenti Dublin, l-Irlanda;**

**(6) L-istess George Tabone (0793152M), ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Faye Purdon (0255379M) nee' Tabone, mizzewga lill-John Purdon, bint George Tabone u l-imsemmija Fiona Lochtenberg nee' Borda, imwielda San Giljan fl-20 ta' Mejju, 1979 u residenti Sydney, l-Awstralja; u**

**(7) Frank Borda Estates Limited (C42766), kumpanija registrata Malta bl-indirizz Villa Borda, Il-Madliena, Is-Swieqi, SWQ1013.**

Illum 24 ta' Lulju, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Sabrina Borda ppreżentat quddiem din il-Qorti fl-24 ta' Gunju, 2024 li bih talbet il-hrug ta' <u>mandat ta' inbizzjoni</u> sabiex izomm lill-intimati milli "(1) *jippregudikaw u/jew inaqqsu l-valur tal-asse tal-mejjet Francis Saviour Vincent seive Frank Borda, inkluz*

*milli jnaqqsu bi kwalsiasi mod il-valur ta' xi attiv formanti parti mill-istess asse, inkluz izda mhux limitat biss, l-ishma fis-socjeta' formanti parti mill-istess asse, (2) kif ukoll milli jiddisponu mill-wirt tal-imsemmi mejjet Frank Borda u milli jqassmu, ihallsu, jikkonsenjaw, jitrasferixxu u/jew jiddisponu b'mod iehor favur taghhom u/jew favur terzi persuni minn kwalunkwe attiv formanti parti mill-imsemmi asse sakemm ma tkunx l-ewwel thallset il-porzjoni rizervata dovuta lil kull minn irrezervaha u talabha, inkluz il-porzjoni rizervata dovuta lir-rikorrenti fl-ammont approssimattiv ta' sitt miljun u erba' mitt elf ewro (€6,400.000) flimkien mal-imghaxijiet, kif ukoll sakemm ma jkunux l-ewwel gew ikkonsenjati l-legati kollha mhollija mid-decujus skond kif iddispona fl-ahhar testment tieghu, inkluz il-legati mhollija lir-rikorrenti ta' valuri illi ghadhom ma humhiex determinati, u dan ghar-ragunijiet segwenti: ...";*

Rat id-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba <u>provvizorjament</u>, ordnat in-notifika lill-intimati bi zmien sebat (7) ijiem ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghad-9 ta' Lulju, 2024 fin-12.30 pm;

Rat ir-risposta tal-intimati kollha pprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2024

Rat illi l-partijiet taw ruhhom b'notifikat bl-avviz ta' smiegh fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2024.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2024;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti:**

1. Il-fatti ta' dan il-kaz, kemxejn kumplikati, jistghu jkunu brevement klassifikati bhala kwistjoni ereditarja fejn ir-rikorrenti *qua* legatarja rrinunzjat ghall-wirt ta' missierha Frank Borda li ma nnomina ebda eredi fit-testment tieghu b'dan illi ddispona minn gidu permezz ta' legati mhollija lill-uliedu u neputijiet li huma l-intimati kollha f'din il-procedura kif ukoll lis-socjeta' Frank Borda Estates Limited. Il-legat mholli lir-rikorrenti jikkonsisti (1) fl-uzufrutt ta' sitt miljun tliet mija hamsa u disghin elf u mija wiehed u sittin (6,395,161) ishma ordinarji 'A' fis-socjeta' Frank Borda Limited u (2) kwart (1/4) mill-ishma fis-socjeta' Frank Borda Estates Limited li jammontaw ghall mija tlieta u tmenin elf sitt mija u erbgha u ghoxrin (183,624) ishma ordinarji 'A' u erba mija u sitta u sittin elf seba' mija u hdax (466,711) ishma ordinarji 'B';

2. Ir-rikorrenti tallega manuvri tali da parti tal-intimati fosthom l-accetazzjoni tal-wirt *qua* eredi ta' Frank Borda (dikjarazzjoni in atti Nutar Margaret Heywood tal-21 ta' Marzu 2023) u rinunzja tal-legati taghhom, hlief ghas-socjeta' Frank Borda Estates Limited, u b'dikjarazzjoni tal-istess data in atti Nutar Margaret Heywood **irrinunzjaw ghal-legat mholli lill-istess socjeta**'u dan minghajr l-approvazzjoni tar-rikorrenti. L-allegazzjoni taghha ghalhekk hi li ser ikun hemm zvalutazzjoni tal-ishma tal-kumpanija mhollija lilha bhala legat jekk il-kumpanija tghaddi biex tiddisponi mill-assi

taghha oltre li ma jkunx hemm fondi bizzejjed biex tinghata l-porzjoni rizervata skond il-ligi li l-istess rikorrenti tistma fl-ammont approssimattiv ta' €6,400,000.00). Ir-rikorrenti ghalhekk qed titlob il-hrug ta' dan il-mandat sakemm tissokta bi proceduri kontra l-intimati ghar-rexxissjoni tal-att ta' rinunzja tal-legat mis-socjeta' Frank Borda Estates Limited;

3. L-intimati jopponu ghall-hrug ta' dan il-mandat u anke hawn, in succint, iressqu l-argument illi fil-kaz li r-rikorrenti tkun vincenti fit-talba taghha, is-socjeta' in kwistjoni ma tkunx f'qaghda li thallasha l-porzzjoni rizervata. Inoltre, huma gia' offrewlha hlas in eccess tal-valur tal-ishma minnha pretiz izda rrifjutat;

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

4. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, jokkorri li jkunu decizi l-oggezzjonijiet ta' natura proceduri sollevati mill-intimati. L-ewwel oggezzjoni li r-rikors promutur ma kienx konfermat bil-gurament kienet irtirata fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2024. Minkejja dan, il-Qorti jirrizultalha li r-rikors promutur kien fil-fatt kkonfermat bil-gurament skond il-ligi u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel oggezzjoni;

5. Fit-tieni oggezzjoni taghhom l-intimati jecepixxu n-nullita' tar-rikors stante li ma kienx prezentat fil-formola l-korretta. Fis-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti, l-intimati spjegaw li skond huma, t-talba tar-rikorrenti kellha ssir fit-termini tal-artikolu 874(1)

stante li huwa talba ta' kreditur biex jizgura dejn. Il-Qorti ma taqbilx mal-fehma tal-intimati stante li ghalkemm finalment l-ghan tar-rikorrenti ghall-hrug ta' dan il-mandat jissarraf f'azzjoni sabiex ikun hemm bizzejjed fond biex tithallas tal-porzjoni rizervata u tal-legat taghha, l-azzjoni hija wahda li taghmel minn diversi ohra intiza biex twaqqaf lis-socjeta' Frank Borda Estates Ltd, ossia l-intimati li jaghmlu minnha, milli tissokkta bl-agir allegatament abbuziv sakemm tinizja proceduri ta' rexxissjoni ta' att notarili u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija tkun riprestinata *quo ante*. Wara kollox, ezami ta' dan ir-rikors mgharuf bhala generali huwa aktar rigoruz minn dak biex wiehed jassigura dejn fejn f'dan tal-ahhar jehtieg biss li jirrizulta l-element tal-jedd fuq bazi *prima facie* filwaqt illi fil-mandat generali jkun irid jokkorri ukoll l-element ta' pregudizzju. Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tkun michuda;

6. Illi dak li r-rikorrenti qeghdha titlob bil-procedura intentata huwa regolat bl-artikolu 873(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat*". Il-kaz in disamina huwa klassifikat bhala mandat ta' inibizzjoni generali kif ravvizat fl-artikolu appena indikat u ghalhekk kif inhu akkolt fil-gurisprudenza kopjuza in materja, Qorti ma ghandiex takkorda l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hlief jekk ir-rikorrent li jitlob il-hrug ta' dan il-mandat juri li dan hu mehtieg ghal-preservazzjoni tal-jeddijiet tieghu b'mod illi c-cahda

tieghu tkun tissarraf fi pregudizzju. Apparti dan, jehtieg li jkun jidher fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg rekwiziti jehtieg li jkunu prezenti flimkien tant illi n-nuqqas ta' presenza ta' wahda minnhom tkun fatali ghall-min qed jaghmel it-talba;

**Il-Jedd Pretiz**:

7. Illi ghalhekk jehtieg li jirrizulta illi min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu jedd x'jipprezerva u li dak il-jekk irid ikun wiehed deducibblli f'gudizzju. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dottor Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et** (App Civ 2.06.1969) bosta drabi citata f'decizjonijiet ta' din il-Qorti, kien ritenut illi:

> *Ghad-differenza ta' mandati kawtelatorji ohrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-ligi tezigi zewg kondizzjonijiet, cioe' li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni tad-dritt li in kawtela tieghu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-ligi tezigi li min johrog il-mandat hu obbligat li fiz-zmien qasir preskritt jiddeduci b'kawza l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jinghad, ghall-finijijet tal-hrug tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess hin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaci li tigi dedotta in gudizzju quddiem il-Qorti.*

8. Illi dan hu hekk ghaliex dak il-jedd li jallega min jitlob il-mandat huwa wiehed li ghad irid ikun dibattut u deciz mhux quddiem din

il-Qorti izda fil-forum appozitu 'l hinn mill-procedura odjerna. Huwa ugwalment akkolt fil-gurisprudenza illi fl-ezami u r-ricerka fil-fatti migjuba quddiemha ghad-decizjoni dwar iz-zewg rekwiziti, l-Qorti ghandha timxi b'mod sommarju tant li mhux mistenni minnha li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi bl-istess mod mistenni mill-Qorti fil-kaz tal-kontenzjuz. In konkluzzjoni dwar l-ewwel element, jista' jinghad li t-test li ghandu jsir hu jekk il-jedd li qed tinvoka r-rikorrenti huwiex wiehed deducibbli quddiem il-forum kompetenti u li tali ezami jsir fuq bazi *prima facie*, jigifieri jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti tgawdix minn dak il-jedd minnha pretiz. Jekk dan jirrizulta, allura l-Qorti tissokta bl-ezami tat-tieni element;

9. Illi finalment, u bil-ghan ta' rikapitular fuq dan il-punt, tajjeb li ssir referenza ghal dak osservat fid-digriet fl-atti tal-Mandat Nru 1742/2016/1 PA fit-12 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet **Helen Mercieca et vs Inginier Joseph Bajada**:

> *Illi kulma huwa mehtieg, u fl-istess hin huwa bizzejjed, ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa logiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinhareg qabel ma jigi accertat min ghandu ragun, il-mandat jinhareg favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess ligi) mal-ewwel daqqa t'ghajn li ghandu ragun. Igifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem iehor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naha l-wahda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew sahansitra fejn hemm mera possibilta' u min naha l-ohra jeskludi l-htiega li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi mac-cirkostanza li procedura ta' din ix-xorta hija intiza sabiex tkun*

*sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd. Dan billi fil-process dwar il-mertu, l-iskop hu li jigi accertat x'inhu d-dritt fil-kaz konkret, filwaqt li l-iskop tal-process ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament gudizzjarju dwar jekk hix tabilhaqq fondata fid-dritt jew le.*

10. Illi ezaminati l-atti minn din l-ottika huwa bil-wisq evidenti illi r-rikorrenti ghandha jedd pretiz u li dan il-jedd huwa wiehed li jista' jkun deducibbli quddiem il-Qorti kompetenti billi titlob ghar-rexxissjoni tal-att notarili li bih l-intimati, f'isem is-socjeta' Frank Borda Estates Limited irrinunzjaw ghal-legati mhollija lilha. Dan l-ewwel element ghalhekk jirrizulta manifest;

**Il-Pregudizzju :**

11. Dan huwa it-tieni element li jehtieg li jkun prezenti peress illi, kif gia osservat, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux indipendenti minn xulxin. Il-kwistjoni tal-irrimedjabilita' hija wahda li tvarja minn kaz ghall-kaz u certament ma ghandhiex tiftiehem b'mod li ghaliex hemm rimedju fil-ligi miftuh ghar-rikorrenti li kieku l-mandat ma jintlaqax, allura t-talba ghal hrug tieghu ghandha tkun michuda *sic et simplicitur*.

12. Fil-kaz hawn skrutinat, il-pregudizzju li r-rikorrenti tallega li qed issofri u ser tkompli ssofri huwa li l-assi tas-socjeta' Frank Borda Estates Limited u tal-mejjet Frank Borda mhux ser ikunu sufficjenti biex tithallas tal-legati u l-porzjoni rizervata dovut ghall-allegat manuvri tal-intimati. Il-Qorti hi tal-fehma li l-hrug ta' mandat huwa misthoqq ghaliex bid-dissipazzjoni tal-assi r-rikorrenti ser tarreka pregudizzju rrimedjabbli konsisteni fl-impossibilita' tas-socjeta' li tonora l-obbligi taghha kif pre-ordnat mit-testatur;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi b'mod definittiv dawn il-proceduri billi tqis illi fuq bazi *prima facie* r-rikorrenti ghandha jedd x'tikkawtela skond il-ligi u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati u konsegwentement qed tikkonferma d-digriet provizzorju taghha tal-24 ta' Gunju, 2024.

L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imhallef

Nicole Cini
Deputat Registratur